

# L-Istorja Politika ta' l-Avukat Ġużè Cassar

**Sergio Grech**

L-istorja ta' Ġużè Cassar fil-politika tmur lura għas-snin erbgħin. Dik il-ħabta l-kolonja Maltija kienet bdiet tistejqer b'mod kajman ħafna mill-ħsarat morali, soċjali, politiċi u ekonomiċi, li ħalliet it-Tieni Gwerra Dinjija. Cassar bejn l-1940 u l-1944 kien serva fil-Home Voluntary Force. Fl-1943 iggradwa bħala avukat.

Il-magħmudija tan-nar għal Cassar kienet l-elezzjoni għall-Kunsill tal-Gvern ta' l-1945 li ġiet ikkontestata biss mill-Partit Laburista tat-Tabib Pawlu Boffa u xi kandidati indipendenti. La l-Partit Nazzjonalista u lanqas il-Partit Kostituzzjonali ma kkontestaw. Ta' l-aħħar anzi kien ħabbar ix-xoljiment tiegħu. Il-membri eletti kienu Pawlu Boffa, Dom Mintoff, Karmenu Vassallo (il-poeta), Turu Colombo, Godwin Ganado u Ġużè Cassar li kiseb 1152 vot. Dik l-elezzjoni ivvutaw għall-ewwel darba l-irġiel kollha li kienu għalqu l-21 sena. Iżda l-membri eletti fil-kunsill kienu f'minoranza u għalhekk il-Gvernatur u l-pupazzi tiegħu kellhom fejn u biex jagħmlu l-arja. Il-Kunsill falla u f'Ottubru ta' l-1947, il-poplu ħareġ jivvota.



*L-Avukat Ġużè Cassar flimkien mal-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II*

Fl-1947, Cassar ikkontesta fuq żewġ distretti fl-interessi tal-Partit Laburista: it-tielet - li fih kien hemm il-Qrendi - u r-raba'. Mit-tielet distrett ġab 2365 vot u ġie t-tieni wara Pawlu Boffa. Fir-raba' distrett it-taqtigħa kienet eħrex. Minn hemm ġab biss 225 vot. Dik l-elezzjoni tat il-vot lin-nisa kollha li kienu għalqu l-21 sena. Il-Partit Laburista rebaħ il-maġġoranza assoluta tal-voti.

Imma minkejja dan, dik il-leġislatura ma kelliex ittul il-perjodu kollu wara l-inkwiet li kien nqala' bejn Boffa u Mintoff wara li tat-tieni beda jsostni li ta' l-ewwel kien dgħajjef dwar il-kwistjoni tal-Marshall Aid. Fl-1949 issejħet Konferenza Ġenerali li umiljat lil Boffa u inkurunat lil Dom Mintoff bħala l-kap il-ġdid. Fl-1948, sadanittant Cassar ingħata l-Ministeru tal-Ġustizzja li żamm sa Settembru 1950.

Boffa rnexxielu jibqa' jiggverna sa l-1950 taħt il-kappa ġdida tal-Malta Workers Party wara l-isplit fil-Labour Party. Cassar għażel li jibqa' leali lejn Boffa imma ħadem ukoll biex il-moviment Laburista jfittex jerġa' jingħaqad.

F'Settembru ta' l-1950, il-poplu Malti reġa' tefa' l-vot tiegħu. Cassar ikkontesta t-tielet distrett għan-nom tal-Malta Workers Party u minn hemm kiseb 1599 vot. Dan kien gvern ta' minoranza li ra l-koalizzjoni bejn il-Partit Nazzjonalista mmexxi minn Dr Enrico Mizzi bħala Prim Ministru u l-Partit ta' Boffa. Mizzi miet f'Diċembru u postu ħadu Ġorġ Borg Olivier.

Il-gvern dam sa Jannar ta' l-1951 u f'Mejju ġiet imsejħa l-elezzjoni. Cassar ikkontesta fuq żewġ distretti f'isem il-Malta Workers Party. Tela' mit-tielet distrett b'1712 vot. Miegħu fid-distrett fuq il-bandiera Boffista kien tela' wkoll John Cole li iktar tard kellu jgħarraq il-bastiment. Boffa u Borg Olivier reġgħu għamlu koalizzjoni bejniethom. Cassar ingħata l-portafoll tal-Ġustizzja imma f'Ottubru ta' l-1953 id-dekasteru mar għand Dr Jackie Frendo Azzopardi. F'Ottubru Boffa, Cole u Cassar irriżenjaw wara li Borg Olivier ma kkonsultax dwar l-istruttura l-ġdida tal-pagi mal-General Workers Union. Fuq parir ta' Borg Olivier, il-Parlament ġie xolt u f'Diċembru ta' l-1953, il-poplu ntalab jagħżel il-gvern tiegħu.

L-istorja tas-snin ta' qabel reġgħet irrepetiet ruħha u Boffa u Borg Olivier iffurmaw gvern bejniethom. Kien evidenti li l-Partit Laburista ta' Mintoff kien iktar ma jmur qed jissaħħaħ tant li kien kiseb l-ikbar ammont



ta' siġġijiet imma peress li l-P.N. u l-M.W.P. għaqqdu s-siġġijiet, Mintoff ma setax imexxi hu.

Cassar f'din l-elezzjoni telaq lil Boffa u kkontesta t-tielet u r-raba' distrett f'isem il-Partit Laburista u mit-tielet distrett ġab 2248 f'kuntrast ma' l-għoxrin vot li ġab fuq ir-raba' distrett. It-tielet distrett kien ġie ikkontestat ukoll mill-istess Boffa li ġab 1365 vot. John Cole kien pedina importanti biex il-koalizzjoni waqgħet u reġa' feġġ xaqq dawl biex il-Partit Laburista jitla' fil-gvern.

Fl-1955, il-Perit Mintoff rebaħ l-ewwel elezzjoni tiegħu. Il-programm Laburista kien tkellem favur l-Integrazzjoni sħiħa ta' Malta fl-Ingilterra f'medda ta' għoxrin sena u jekk din ma tirnexxix allura jmur għall-Indipendenza sħiħa.

F'dik l-elezzjoni Mintoff rebaħ mas-57 fil-mija tal-voti mitfugħa. Cassar ikkontesta fuq t-tielet distrett u ġab 2179 vot. Ingħata mill-ġdid il-Ministeru tal-Ġustizzja.

Il-kwistjoni ta' l-Integrazzjoni qajmet furur kbir tant li l-Knisja mmexxija mill-Arċisqof Mikiel Gonzi, il-Partit Nazzjonalista mmexxi min-Nutar Borg Olivier u l-Partit Kostituzzjonali ta' Mabel Strickland għamlu l-almu tagħhom biex il-proposta ma tirnexxix. Ir-referendum ta riżultat inċert għall-aħħar imma l-Ingliżi għażlu li jissuktaw bil-pjan.

Wara l-inkwiet li nqala' fil-Kanal ta' Swejz flimkien ma' bidla fil-gvern Ingliż u l-politika tiegħu staġna kull moviment favur l-Integrazzjoni. Inqalgħu diversi kwistjonijiet bejn il-gvern Ingliż u dak Malti li wasslu għall-famuża riżenja ta' April 1958. Ftit jiem wara sar strike li waqqaf kollox u Gonzi ħareġ jikkundanna l-vjolenza li nqalgħet. Mintoff pinġieh bħala traditur. Għat-tliet snin ta' wara, il-Gvernatur Robert Laycock waqqaf kull aspirazzjoni politika u l-ewwel elezzjonijiet saru biss fl-1962.

Ta' l-1962, kienet elezzjoni taħraq nirien tant li baqgħet magħrufa bħala tad-dnub il-mejjet. Cassar b'rispett lejn martu għażel li ma jikkontestax. Jidher ukoll li l-kwistjoni ta' l-interdett affetwatu wkoll fid-deċiżjoni li ma jikkontestax dik l-elezzjoni tant li Spiteri stqarr fl-awtobijografija tiegħu li Cassar kien mar għal-laqgħa ta' l-eżekuttiv li ddiskuta l-interdett bl-għan li l-partit japoloġizza. Imma meta wasal sab li kienet ittieħdet deċiżjoni kuntrarja u ddeċieda li jieqaf hemm politikament. F'dan id-dawl tagħmel sens id-dikjarazzjoni ta' Gonzi ma' l-uffiċjali Ingliżi f'tarf il-ħamsinijiet fejn kien faħħar lil Cassar bħala l-aħjar nisrani li kien hemm fil-kabinett ta' Mintoff. Cassar ma kkontestax lanqas l-elezzjoni ta' l-1966. Toni Pellegrini li kellu l-partit tal-Ħaddiema Nsara kien għamel minn kollox biex jikkonvinċih joħroġ miegħu.

Fl-1969 l-inkwiet bejn il-Knisja u l-M.L.P. intemm, almenu fuq il-karta. F'April ġiet iffirmata l-paċi li ma tantx ġabet ferħ għall-politiċi Nazzjonalisti u l-kleru b'tendenza Nazzjonalista. Lanqas lil Borg Olivier ma għoġob dan il-pass skond Ċensu Tabone.

L-istoriċi jiddibattu bejniethom jekk dan il-pass tal-paċi wassalx fl-1971 għar-ritorn ta' Mintoff fil-gvern. Hu fatt li l-aħħar snin ta' l-amministrazzjoni Nazzjonalista qajla kienu qed jipproduċu u d-dockyard kienet mifnija bl-istrikes. Il-Gvern baqa' fil-poter sa l-aħħar minuta. Seta' kien żball ta' tattika d-dikjarazzjoni li għamel Borg Olivier lill-editur ta' Il-Ħajja li jekk jirbaħ l-elezzjoni ma kienx ser ibiddel il-kabinett.

Fl-1971, Dom Mintoff jikseb ħames snin oħra ta' mandat wara li kien ilu nieqes mit-tmexxija sa mill-1958. Borg Olivier kien bassar tajjeb meta kien sostna ma' Dr Ugo Mifsud Bonnici u Dr Guido De Marco li l-P.N. kien ser jitlef bi ftit voti. Il-ħames distrett kien l-iktar wieħed missielet u ħall il-kwistjoni kollha u ddeċieda min rebaħ il-kunsens popolari għat-tmexxija.

Bil-paċi mal-Knisja Cassar ġie lura u kompla fejn ħalla fl-1962. Cassar ikkontesta fuq ir-raba' distrett u ġab 2270 vot. Cassar din id-darba ma ngħatax il-ġustizzja imma s-servizzi soċjali, ix-xogħol u l-welfare. Meta sar reshuffle tal-kabinett, lil Cassar missewh l-edukazzjoni u l-kultura. Il-leġislatura ta' l-1971 kienet determinanti fuq bosta aspetti fosthom għaliex Mintoff biddel lil Malta f'Repubblika.

Fl-1976, l-M.L.P jerġa' jirbaħ il-gvern u Cassar jingħata l-Ministeru tal-Ġustizzja u iktar ħidma. Il-ministeru kien kiber għax miegħu żdiedu l-artijiet, id-djar u l-affarijiet parlamentari. Cassar ingħata unur ieħor meta ġie maħtur bħala Deputat Mexxej u Deputat Prim Ministru. Min-naħa tiegħu huwa kkontesta fuq il-ħames distrett u kiseb 2212 vot. Dr Cassar kien l-iktar kandidat Laburista li ġab voti f'dak id-distrett. Mill-1979 ingħata l-portafoll tal-Finanzi, Dwana u Investiment."

L-elezzjoni ta' l-1981 ma ġabet l-ebda riżultat feliċi għall-ebda naħa. Il-Partit Laburista baqa' fil-gvern wara li kiseb il-maġġoranza tas-siġġijiet fil-Parlament. Il-P.N. kien qed jgħid li hu kellu dritt li jiggverna wara li ġab il-maġġoranza tas-siġġijiet. F'intervista li kien tani Dr Eddie Fenech Adami dwar din l-elezzjoni kien sostna li r-riżultat ta' dik l-elezzjoni b'mod legalistiku huwa validu imma f'dik l-elezzjoni d-distretti kienu maħsuba biex jagħtu riżultat pervers.

Cassar tela' mill-ħames distrett b' 2465 vot. Għal darb'oħra kien l-iktar kandidat Laburista li ġab voti mid-distrett. Din id-darba ħa ħsieb il-Ġustizzja u l-Affarijiet Parlamentari.

Fl-1987, wara emendi kostituzzjonali, il-P.N. rebaħ il-mandat elettorali. Cassar tela' mill-ħames distrett b'2020 vot. Fl-1992, il-Partit Nazzjonalista rebaħ l-elezzjoni b'maġġoranza iktar komda minn qabel. Għal Cassar kellha tkun l-aħħar elezzzjoni. Kiseb biss 619 vot u ma telax. Minkejja dan in-nazzjon ma nsiehx għax fl-1994 żejnu b'Ġieħ ir-Repubblika.

Cassar kien dirgħajn importanti fil-gvernijiet Laburisti. Kien involut f'bosta diskussjonijiet fosthom fil-ħolqien tal-kostituzzjoni tar-repubblika u fl-emendi



elettorali li kienu importanti għax salvaw lil Malta minn xebgħa nkwiet.

Wara l-1997 l-Avukat Cassar xi drabi serva bħala Aġent President tar-Repubblika.

Xi suġġerimenti għal iktar Qari

G. De Marco, The Politics of Persuasion, Allied Publications, 2007.

J. Felice Pace u R. Felice Pace, Who's Who in the House 1921-2006, Midsea Books, 2006.

H. Frendo, Ċensu Tabone, The Man and His Century, Maltese Studies, 2001.

H. Frendo, Patrijott Liberali Malti, PIN, 2005.

F. Galea, Mexxejja, Ħassieħa u Deputati Laburisti, SKS, 2000.

H.Ganado, Rajt Malta Tinbidel, 4 Volumi, KKM.

S. Grech, Patri Feliċjan Bilocca, Ħajtu u Żminijietu, 2004.

J. Manduca, The Favour of the Mintoff Era, 2008.

U. Mifsud Bonnici, Kif Sirna Repubblika, PIN

J. Pirotta, Fortress Colony: The Final Act 1945-1964, Vols. 1, 2, 3, Studia Editions.

R. Sacco, L-Elezzjonijiet Ġenerali, KKM, 1986

A. Sant, 28 ta' April 1958, SKS, 1998.

L.Spiteri, Jien u Għaddej fil-Politika, PEG, 2007.

C.G. Vella. Sinjali Maltin ta' Żmienna, KKM, 2000.

# Is-Soċjetà Lourdes tifraħ, tirringrazzja, tiftakar

Turi s-sodisfazzjon tagħha għall-apprezzament minn diversi persuni għall-mod li bih ġiet iċċelebrata l-festa 2007, għall-mod ta' kif tfassal tant tajjeb il-ktieb tal-festa, dikjarat bħala ktieb informattiv, edukattiv u interessanti.

U tieħu din l-okkażjoni biex:

## Tifraħ:

Lill-bandisti ġodda, li din is-sena se jkomplu jkabbru l-banda.

Lil Marlene Pullicino, għall-ħatra tagħha ta' President Onorarju tas-Soċjetà u rappreżentanta fil-Kamra tad-Deputati.

## Tirringrazzja:

Lill-kumpanija Asfaltar Ltd, tas-sapport li tat fil-proġett tal-bini tal-Każin.

Lil Bonniċi Bros., ta' l-għoti ta' travi u materjal ieħor b'riżq il-każin.

Lil Nikol Aquilina, li kien il-moħħ ewlieni li ħadem apparat biex tħaffef ix-xogħol tal-bini tal-proġett il-ġdid.

Lill-partitarji, li assiguraw b'kull mezz il-bini tal-każin waqt ix-xogħol.

Lill-ġenituri, li taw is-sapport biex uliedhom jattendu l-banda.

Lis-Sezzjoni tan-Nisa, li ħadet ħsieb il-ħtiġijiet tal-każin f'dak li għandu x'jaqsam ma' tindif u ġbir, fosthom tal-planċier.

Lis-Sezzjoni Żgħażagħ, għall-attivitajiet tul is-sena u l-ġranet tal-festa.

Lis-Sezzjoni tan-Nar, għas-sagrifiċċju li wettqu biex ikollna festa kbira.

Lis-Surmast, Assistent Surmast u Delegat tal-Banda, għall-mod ta' kif qed tikber il-banda sena wara sena.

Lil dawk li sponsorjaw dan il-ktieb permezz ta' artikli, ritratti u reklamar.

Lill-Kappillan Fr Mario Mifsud u Prof. Dun Manwel Agius.

Lill-prokuratur u membri fil-kumitat fratellanza, għall-organizzazzjoni tal-festa interna u pellegrinaġġ nazzjonali li sar fil-31 ta' Mejju, 2008.

Lil dawk kollha li b'xi mod għinu l-festa jew il-każin.

Lil dawk li sena wara sena jżommu l-appuntament tagħhom li jiġu għall-festa tagħna.

## Tiftakar:

Fil-partitarji tagħna 'l bogħod minn xtutna u li jixtiequ li qegħdin igawdu l-festa magħna.

Fil-morda fi djarhom jew fl-isptarijiet. Nawgurawlhom fejqan ta' malajr.

F'dawk fostna li ħallewna matul l-aħħar sena.

Is-Soċjetà Lourdes ser tkompli ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa b'pellegrinaġġ għal-Lourdes bejn il-11 u s-17 ta' Lulju, 2008. Ser nilbsu fratelli fil-quddiesa internazzjonali, waqt il-purċissjoni Aux Flambeaux u nieħdu sehem fil-kor.

Isir ukoll l-irfiegħ tal-vara.